**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Alan Mizzi**

Numru: 57/2014

Illum 27 ta' Ottubru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Alan Mizzi,** ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, iben Albert u Monica nee' Abdilla, imwieled Pieta', fid-29 ta' Jannar 1992, residenti fil-fond 'Moxa', Flat 2, Triq Ghajn Mhelhel, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 110692(M), akkuzat talli nhar it-30 ta' Jannar 2014, ghall-habta ta' 00.45hrs waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Mitsubishi Lancer Evolution IX GT, bin-numru tar-registrazzjoni BBV 903, fi Triq l-Imghallem, Rabat, Ghawdex;

1. B'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-

traffiku, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Kimberly Marie Borg skont kif iccertifika Dr. M. Portelli M.D. mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Monica Caruana, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 6996(G) skont ma ccertifika Dr. J. Rapa M.D. mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura tal-ghamla Mitsubishi Lancer, bin-numru tar-registrazzjoni BBV 903, b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq jew prova jsuq jew kellu l-kontroll ta' vettura bil-mutur u cioe' vettura tal-ghamla Mitsubishi Lancer Evolution IX GT, bin-numru tar-registrazzjoni BBV 903 fit-triq jew f'post pubbliku iehor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq jew prova jsuq jew kien fil-kontroll ta' vettura bil-mutur u cioe' vettura tal-ghamla Mitsubishi Lancer Evolution IX GT, bin-numru tar-registrazzjoni BBV 903 wara li kien ikkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt fil-ligi;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi involontarjament ikkaguna hsara fuq arblu tad-dawl u dan ai dannu tal-korporazzjoni Enemalta u/jew persuni ohra;

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imptutat f'kaz ta' htija jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu l-ebda licenzja tas-sewqan ghall-perijodu li din il-Qorti jidrilha li hu xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 150) datata 5 ta' Awwissu 2016 li permezz taghha baghat lill-imputat Alan Mizzi biex jigi

ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) fl-Artikoli 225 u 226(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) fl-Artikoli 225 u 226(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) fl-Artikoli 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) fl-Artikoli 15A u 15H tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) fl-Artikoli 15B u 15H tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(6) fl-Artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(7) fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tal-lum 27 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 152 u 153), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-5 ta' Awwissu 2016, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet lil Dr. Renata Formosa tiddikjara li l-*parte civile* thallset mill-*insurance* tal-imputat u ma baqghalhiex aktar pretensjonijiet u lanqas ma baqghalha interess f'dawn il-proceduri.

Semghet sottomissjonijiet finali mill-partijiet;

**Decide:**

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt illi tillibera lill-imputat mir-raba' (4) u mill-hames (5) imputazzjonijiet peress illi dawn ma jirrizultawx, issibu hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet fir-rigward ta' sewqan traskurat biss, u ssibu hati wkoll tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u wara li rat l-Artikoli indikati tal-Ligi, tikkundannah multa komplessiva ta' elf u mitejn

ewro (€1200) u skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal tmint (8) ijiem li jibdew jiddekorru minn nofsillejl u minuta ta' ghada (00:01a.m.).

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**